MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 14/2014

**Dr. Frank Testa (K.I. Nur: 424180M) debitament awtorizzat in rapprezentanza ta' Hithem Mohammed Sughi u martu Arwa Mabrok Rgei ghan-nom u in rapprezentanza ta' binhom il-minuri Eyad Sughi**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Dr Frank B. Testa hekk kif debitament awtorizzat in rapprezentanza tal-konjugi Hithem Mohammed Sughi u Arwa Mabrok Rgei u f'isem Eyad Sughi, permezz tal-prokuri annessi u mmarkati bhala Dok. 'A' u Dok. 'B', datati 9 ta' Jannar 2014 fejn jikkonferma s-segwenti fatti bil-gurament tieghu:

Illi fil-hmistax (15) ta' Jannar 2013, twieled it-tifel tal-konjugi indikati fl-okkju ta' din il-kawza, fl-isptar ta' Saint James Capua Hospitaf Sliema, Malta;

Illi mat-twelid tat-tarbija l-genituri surriferiti semmew lil binhom il-minuri **Eyad** u dan kif jirrizulta mill-Att tat-twelid tal-minuri bin-numru 292 tas-sena 2013, kopja ta' liema qed jigi anness u mmarkat bhala Dok. 1;

Illi ftit iktar minn xahar wara li twieled il-minuri, r-rikorrenti *nomine* indunaw li bi zvista taghhom thalla barra t-tieni isem tal-minuri, u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza dan effettivament ser jikkawza problemi ghall-minuri in kwistjoni, fosthom problemi relatati mar-religjon Musulmana kif ukoll problemi li t-tarbija jista' jkollu mal-awtoritajiet Amerikani, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi l-istess rikorrenti *nomine* kitbu ittra lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-istess ittra esebita u mmarkata bhala Dok.2, fejn fil-kolonna hemm indikat *"Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija tigi msejha"* wara l-isem moghti u cioe` "Eyad" jigi mizjud ukoll isem missieru u cioe` "Hithem" u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

Illi r-rikorrenti *nomine* jixtiequ li ssir din l-korrezzjoni *ossia* li fl-att tat-twelid relattiv bin-numru 292/2013 fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet moghtijin lit-tarbija' u 'Isem jew ismijiet li bih/bihom ghandha tissejjah it-tarbiia' wara l-isem 'Eyad' jigi mizjud l-isem' Hithem';

Ghaldaqstant u *in vista* tas-suespost ir-rikorrent *nomine* jitlob bl-akbar rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *ai termini* tal-Artikolu 253 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara li isem it-tarbija huwa 'Eyad Hithem' u mhux sempliciment 'Eyad';

2. Tordna lill-intimat Direttur Registru Pubbliku sabiex issir korrezzjoni fl-Att tat-twelid bin-numru 292/2013 sabiex fil-kolonna 'Isem jew ismijiet moghtijin lit-tarbija' u 'Isem jew ismijiet li bihom ghandha tissejjah it-tarbija' wara l-isem 'Eyad' jigi mizjud l-isem 'Hithem'.

U dan taht kull provvediment iehor u opportun li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti tar-rikorrenti.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta’ Marzu 2014.

Rat ir-risposta Guramentata tad-Direttur Tar-Registru  Pubbliku datata 11 ta’ Frar 2014 a fol 22 tal-process fejn espona bil-qima u bil-gurament tieghu iddikjara u ikkonferma dan li gej:

1. Illi fl-ewwel lok huwa mehtieg li talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tat-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta;

2. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

3. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien ir-rikorrenti Hithem Mohamed Sughi stess li ghamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri (Dok DRP 1) fejn gie ddikjarat li d-dettalji mnizzla fuq l-istess att huma korretti u huwa ffirma dan l-istess att, b'dan li accetta li l-informazzjoni hija wahda korretta.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien mad-dokumenti esebiti tal-intimat a fol 23 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta’ Marzu 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Frank Testa ghall-atturi u Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku. Dr. Testa spjega li l-motivazzjoni tal-talbiet tal-kaz odjern huma spjegati fl-ittra li tinsab a fol 8 u 9 tal-process, skont kif gie spjegat lilu mill-mandati tieghu. Dr. Testa ddikajra li m’ ghandux aktar provi x’ jipproduci. Il-Qorti halliet l-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi din il-kawza titratta dwar talba maghmula mill-genituri ta' minuri, bhala kuraturi *ad litem* tal-istess ghall-korrezzjoni fic-Certifikati tat-Twelid ta' binhom Eyad Sughi bin-numru 292/2013. Ir-raguni ghat-talba hija dovuta ghall-allegat zball tal-atturi li naqqsu li jiddikjaraw *ai fini* tal-isem

jew ismijiet li bihom it-tarbija tigi msejha, l-isem "*Hithem"* li kellu jigi mizjud wara l-isem "*Eyad"* . "*Hithem* huwa isem ir-rikorrent, li jigi missier it-tarbija*.*

Mill-ittra esebita a fol.8 tal-process, mibghuta lill-intimat mir-rikorrenti, u datata l-4 ta' Marzu 2013, jinsab spjegat li r-rikorrenti, li t-tnejn ghandhom passaport Amerikan, ma indikawx it-tieni isem *Hitham* ghaliex, skont l-uzanza Mussulmana, it-tfal awtomatikament jiehdu l-ewwel isem ta' missierhom b'zieda ma' l-ewwel isem li jinghatalhom. Huma jsostnu li l-ommissjoni tal-isem tar-rikorrent, bhala missier it-tarbija, iqajjem problemi serji ta' natura religjuza, socjali u anke fiskali ghall-istess minuri.

Ikkonsidrat li l-intimat ma inkorra fl-ebda zball izda rcieva u agixxa fuq l-istruzzjonijiet tar-rikorrenti.

Ikkonsidrat , izda, li l-ommissjoni tar-rikorrenti kienet wahda gustifikabbli u ma saritx in *mala fede*. Anzi tifhem u hija soddisfatta li jekk din l-ommissjoni ma tissewwix, ir-riperkussjonijiet fuq il-minuri, li jipperduraw, jistghu jkunu gravi u serji. Certament dan mhuwiex fl-ahjar interess tat-tarbija.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti jidhrilha li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu akkolti.

Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-izball li sar u ma għandux ibati spejjeż.

Għaldaqstant, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, u **tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti billi:-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-isem tat-tarbija huwa "*Eyad Hithem*" u mhux semplicement "*Eyad*".

2. **Tilqa'** t-tieni talba attrici u tordna lill-intimat Direttur Registru Pubbliku sabiex issir korrezzjoni fl-Att tat-twelid bin-numru 292/2013 sabiex fil-kolonna "*Isem jew ismijiet moghtijin lit-tarbija*" u "*Isem jew ismijiet li bihom ghandha tissejjah it-tarbija*" wara l-isem "*Eyad*" jigi mizjud l-isem "*Hithem* " u dan billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid sabiex isem il-minuri jkun indikat bhala "*Eyad Hithem*" kull fejn ikun hemm mehtieg.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Onorabbli Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------